

## TUL IR-RANDAN... EŻERĊIZZI GĦAL KULĦADD

L-ewwel ħames Ħamisijiet tar-Randan 27 ta' Frar, 5, 12, u 26 ta' Marzu 2020 wara l-quddiesa tat-8.30 am.

**Janima: P Renald Lofreda O Carm**
**P Renald huwa Saċerdot Karmelitan fejn ta s-sevizz tieghu f'diversi kunventi tal-Provinċja Karmelitana f'Malta. Għal diversi snin kien ukoll kappillan tal-Parroċċa Madonna tal-Karmnu fil-Fgura. Fil-preżent jaqdi bħala Kappillan fil-Parroċċa tal-Balluta.**

## EŻERĊIZZI GĦAL MIŻŻEWĠIN U DAWK LI QEGĦDIN F'RELAZZJONI STABBLI

It-Tnejn 16, it-Tlieta 17 u l-Erbgħa 18 u l-Ġimgħa 20 ta' Marzu 2020 fis-6.40 pm.

**Janima: Mons Frans Abdilla**
Dun Frans qeda bħala ragħaj spiritwali f'diversi parroċċi fosthom San Ġorġ, Ħal Qormi. Għandu għal qalbu il-ministeru fost iż-żgħażagħ. Kien għal diversi snin Vigarju Episkopali għall-Kleru u l-Parroċċi.

## MARIJA TGĦALLIMNA NITOLBU - VIA MATRIS ANIMATA FIL-KNISJA PARROKKJALI FIS-6.40 PM

L-Erbgħa 1 t'April 2020

Nimxu flimkien ma' Marija Addolorata fi tbatijietha
u bil-fidi ta' Marija nistennew lil Ġesu' Rxoxt

## IRTIR BIL-MIXI – NIMXU W NITOLBU

Il-Ħadd 29 ta' Marzu 2020 ġewwa Selmun fis-2.30 pm.

**"Ejjew intom waħedkom f'post imwarrab u strieħu ftit" (Mk 6:30)**
Fr Jimmy jeħodna sa Selmun, jispjegalna ftit mill-istorja tal-post u jgħinna nitolbu fuq dak li naraw quddiemna.

**Janima: Dun Jimmy Bonnici**
**Imwieled il-Mosta fl-1972, ġie ordnat saċerdot f'Ġunju tal-1998. Fl-ewwel snin tas-saċerdozju tiegħu huwa ġie mibgħut jistudja Ruma ġewwa l-Universita' Pontificja Gregorjana. Lura Malta Dun Jimmy ġie maħtur Rettur tas-Seminarju Arciveskovili ġewwa tal-Virtu r-Rabat. Fil-preżent huwa jmexxi l-Istitut tal-Formazzjoni Pastorali fi ħdan l-Arcidjoċesi ta' Malta. Huwa jaqdi wkoll l-ministeru tiegħu fiż-żona ta' Sant' Anna ġewwa ż-Żebbiegħ.**

Dan l-irtir huwa maħsub għal kulħadd bi stedina partikulari għall-membri taż-ŻAK u ġenituri tagħhom, ġenituri u tfal tal-katekiżmu u ġenituri jew kustodji tal-adoloxxenti u tfal.

## TUL IL-ĠIMGĦA MQADDSA, ĠIMGĦA TA' SAGRIFIĊĊJU W TALB

It-Tnejn 6, it-Tlieta 7 u l-Erbgħa 8 t'April 2020

Tifsir liturġiku u Bibliku tal-jiem qaddisa u s-simboli marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa u mat-Tridu Mqaddes tal-Għid il-Kbir. Dawn ser jgħinuna nifmhu għaliex il-Knisja tiċċelebra dawn il-festi filwaqt li nidħlu ftit iżjed fil-profondi tal-ikbar misteri tal-fidi tagħna li hu l-qawmien tal-Mulej mill-mewt u ħaj għal dejjem.

**Janima Emmanuel Said**
**Imwieled ir-Rabat ta Malta fl-1973. Huwa tħarreġ u gradwa mill-Università ta' Malta f' Novembru tal-2009, permezz ta' Baċellerat fit-Tejoloġija. F'Novembru tal-2016, mill-istess Universita` huwa kiseb ukoll Masters fl-Akkumpanjament Spiritwali. Huwa miżżewweġ lil Romina nee Mifsud. Jgħin fil-Parroċċa Familja Mqaddsa tal-Iklin, fejn huwa responsabbli mill-formazzjoni tal-adulti u Liturġija, u fil-Parroċċa ta' Marija Immakulata Bormla bħala kordinatur ta' laqgħat formattivi u nformattivi għal koppji**

Dan il-kors hu maħsub għal kulħadd, partikularment għal-Kummisjoni Liturġija, letturi, animaturi, kor, abbatini, ministri tat-tqarbin u min hu responsabbli minnhom.

Parroċċa Familja Mqaddsa, Pjazza Ninu Cremona, l-Iklin, IKL1302
TELEFON: 21 423 003 MOBILE TAL-KAPPILLAN: 7997 2444
EMAIL: parrocca.iklin@maltadiocese.org / keith.bonnici@maltadiocese.org

PARROĊĊA Familja Mqaddsa L-IKLIN
www.parroccaiklin.com

## KORS QASIR DWAR IL-BIBBJA GĦAS-SAJF 2020

L-Erbgħat 1, 8, 15 u 22 ta' Lulju

Naqraw flimkien u nirriflettu dwar il-Ktieb sabiħ tas-Salmi. Dr Joseph Ciappara jifli ftit mis-Salmi li huma talbiet spirati minn Alla u li Ġesu' stess kien jitlob fuq din l-art.

**Janima Dr Joseph Ciappara**
**Dr Ciappara, mwieled ir-Rabat fl-14 ta' Frar 1984, speċjalizza fl-Iskrittura Mqaddsa mill-Istudium Biblicum f'Ġerusalemm. Illum jgħallem fl-Universita' ta' Malta u jaħdem fis-settur tal-voluntarjat.**

Dan il-kors huwa maħsub għal kulħadd.

## ISTITUT TA' FORMAZZJONI PASTORALI

L-għan ewlieni ta' l-Istitut ta` Formazzjoni Pastorali hu li jipprovdi formazzjoni xierqa għall-membri kollha tal-komunita Kattolika Maltija. Fl-isforz sabiex tissaħħaħ l-identità, il-komunjoni u l-missjoni ta' din il-komunità ta' aħwa, l-IFP joffri opportunitajiet ta' (a) formazzjoni permanenti, (b) esperjenzi spiritwali, (c) formazzjoni professjonali tal-operaturi pastorali għat-twettiq tal-ministeri u tal-ħidmiet tagħhom, (d) kif ukoll ta' esperjenzi ta' djalogu mas-soċjetà Maltija.

Fost it-tlettax il-kors, din is-sena l-IFP ser ikun qed joffri:
**The Human Experience of God in Prayer**
**Developing Environmental Responsibility**
**The Way of Beauty: Discovering Faith through Art**
**Family Ministry**
**Higher Education Award in Ecumenism**

Pastoral Formation Institute
www.malta.pfi.org

Għal aktar dettalji fuq il-korsijiet kollha u l-applikazzjoni ibagħtilna fuq **pfimalta@gmail.com**

## UNIVERSE OF FAITH

Universe of Faith
Never Stop Searching

Universe of Faith is an online space for doubters and seekers to explore questions, and share one's faith experience. This website leads to a journey where you can witness the Catholic faith through videos, images, stories and inspiring quotes. Content shared by others who, like yourself, are on a searching journey.

Become part of our online community where you can discuss, learn and share various topics
Visit us on www.universeoffaith.org or follow us on Facebook; Universe of Faith – Never Stop Searching
Send us your experience* on hellow@universeoffaith.org

*Under 18 contributions need to include a consent form from their parent/guardian to participate.



PARROĊĊA *Familja Mqaddsa* L-IKLIN

**'Mulej, għallimna nitolbu'**
"Jekk il-poplu tiegħi, li fuqu jissejjaħ ismi,
jumilja ruħu u jitlob u jfittex lil wiċċi,
u jerġgħu lura mit-triq il-ħażina,
jien nismagħhom mis-sema,
u naħfrilhom dnubiethom
u nfejjqilhom 'l arthom.

U minn issa 'l quddiem
għajnejja huma miftuħa
u widnejja attenti
għat-talb f'dan il-post."

– 2 Kron 7:14 – 15

# PROGRAMM TA' FORMAZZJONI GĦALL-ADULTI

2019-2020

# PROGRAMM TA' FORMAZZJONI GĦALL-ADULTI

## JIKTEB IL-KAPPILLAN

Nippreżentalek il-proposti ta' formazzjoni tal-adulti għas-sena 2019 – 2020 għall-Parroċċa tagħna tal-Familja Mqaddsa fl-Iklin. It-tema pastorali għal din is-sena fil-parroċċa tagħna hija li nkunu **'Komunita' li Titlob'.**

Jekk inti trid tħoss il-preżenza ta' Alla f'ħajtek, itlob
Jekk trid tgħix fil-paċi ma' Alla u mal-bnedmin, itlob.
Jekk trid tegħleb kull problema u diffikulta li tiltaqa magħha fil-ħajja, itlob.
Jekk trid tiġġieled u tegħleb 'il ħażin, itlob.
It-talb jagħtik din il-kapaċita' u din il-forza.

Anzi, it-talb idawlek, isaħħek, jippurifikak, jikkonvertik, jittrasformak, u jressqek b'qalb kbira lejn Alla u lejn ħutek. It-talb huwa opportunita biex nuru mħabbitna lejn Alla. Huwa opportunita biex inħallu lilna nfusna nkunu maħbubin minn Alla.

Min jitlob ikollu l-ħajja u n-nifs biex jgħix. Min ma jitlobx hu fil-periklu li jiġi ssafokat, li jitlef il-ħeġġa għall-ħajja, id-dawl biex jara u n-nutrizzjoni biex jgħix.

L-istil tal-programm ta' formazzjoni tal-adulti għal dis-sena huwa bħal tas-sena l-oħra:

**'Hop on...Hop off...Formation Wednesdays'**.

Min irid, jista' jiġi għal-laqgħat kollha li ser isiru nhar t'Erbgħa mis-6.40 pm sas-7.30 pm. Imma tista tagħżel kors wieħed u tiġi għalih. Il-korsijiet huma kollha qosra. Ma jeħdux aktar minn 3 jew 4 laqgħat.

Nistiednek minn qalbi.

**Dun Keith Bonnici**
**Kappillan**



L-Erbgħat 16, 23 u 30 t' Ottubru 2019

### KORS – MULEJ, GĦALLIMNA NITOLBU (I)
### JANIMA: P KONRAD GRECH SJ

TALB U RIFLESSJONI BIEX NAGĦMEL IR-RIEDA T'ALLA F'ĦAJTI.
P. Konrad Grech SJ jippreżenta t-tagħlim ta' Sant Injazju minn Loyola dwar x'nistgħu nagħmlu biex ngħixu b'mod konkret it-talba li għallimna Ġesu' fil-Missierna: 'Ikun li Trid Int'.
Jagħtina pariri prattiċi ħalli nindunaw Alla xi jrid minna, anke fil-konfużjoni tal-ħajja ta' kuljum.
Jispjegalna metodi siewja ta' kif nagħrfu li dak li qed nagħmlu huwa xi ħaġa li jogħġob lil Alla.

**P Konrad Grech SJ huwa speċjalista fl-Istorja tal-Knisja u l-Arkivistika. Għandu Dottorat mill-Universita Pontifiċja Gregorjana ta' Ruma u huwa l-Kap tad-Dipartiment tal-Istorja tal-Knisja fil-Fakulta' tat-Tejoloġija fl-Universita' ta' Malta. Qeda wkoll bħala Imħallef fit-Tribunal Ekkleżjastiku Metropolitan.**

Dan il-kors huwa maħsub għal kulħadd imma b'mod speċjali għall-Operaturi Pastorali kollha.

Il-Ħadd 24 ta' Novembru 2019 mit-8.30 sal-11.10 am

### IRTIR QABEL L-AVVENT – 'ITOLBU SA MA JIĠI'
### JANIMA: REV. DR PAUL SCIBERRAS.

Aħna u nersqu lejn dan iż-żmien qaddis ta' stennija, naqraw u nitolbu flimkien xi kitbiet ta' San Pawl dwar l-aspett ta' stennija fit-talb. Qalb il-ġenn għad-divertiment u konsumiżmu tal-Milied, nistaqsu kif nistgħu nwieġbu għas-sejħa tat-talb b'qalb imkebbsa bi spirtu ħaj ta' stennija vera għal Ġesu'.

**Fr Paul Sciberras ġie ordnat saċerdot fl-1988, tħarreġ fix-Xjenzi Bibliċi fl-Istitut Pontifiċju Bibliku ta' Ruma. Mill-2003 jgħallem L-Iskrittura fil-Fakultà tat-Teoloġija, fl-Università ta' Malta, minn fejn kiseb ukoll id-dottorat fl-2011. Bħalissa huwa l-Kap tad-Dipartiment tal-Iskrittura, il-Lhudi u l-Grieg. Huwa membru tal-Kummissjoni Teoloġika Interdjoċesana, membru akkademiku tal-Għaqda Biblika Maltija, u membru tal-Kummissjoni għar-Reviżjoni tal-Bibbja bil-Malti. Huwa ko-editur tal-Bibbja bil-Malti bil-Braille u konsulent għall-Proġett tar-Rakkonti tal-Milied bil-Lingwa tas-Sinjali bil-Malti.**

Dan l-irtir huwa maħsub għall-kulħadd imma b'mod speċjali l-Operaturi Pastorali, partikolarment għal-Letturi u l-Kummissjoni Liturġika Parrokkjali.

# SEMINARS GĦALL-ĠENITURI U T-TFAL TAL-KATEKIŻMU

Ottubru 2019 – Mejju 2020 Mid-9.45 am sa' nofsinhar: jinkludu l-Quddiesa tal-11.15 am

**3 TA' NOVEMBRU 2019: KLASSIJIET 2, 3 u 4**
Tema: It-Talb fil-familja tiegħi.
**Kelliema: Mariella Catania, omm u għalliema**

**1 TA' DIĊEMBRU 2019: KLASSIJIET 5, 6 u 7**
Tema: Il-Ħadd; il-Jum tal-Mulej, tal-mistrieħ, tal-familja, tal-karita?
**Kelliem: Mario Mallia**

**5 TA' JANNAR 2020: KLASSIJIET 2, 3 u 4**
Tema: It-talb u t-tisħieħ tal-fidi fil-familja f'dinja diġitali.
**Kelliem: Valerian Muscat**

**1 TA' MARZU 2020: KLASSIJIET 5, 6 u 7**
Tema: Żgħar uġiegħ ta' ras, kbar uġiegħ ta' qalb!
**Kelliem: Brian Callejja**

**Is-Sibt 25 TA' APRIL 2020 - SERATA S-SIBT FILGĦAXIJA**
għat-tfal tal-Ewwel Tqarbina u Griżma, ġenituri u parrini. Fis-St Michael's School, Sta Venera.
Tema għat-tfal tal-Ewwel Tqarbina: "Ħudu, kulu." Mt:26:26
**Kelliem: Fr Luke Cutajar**
Tema għall-ġenituri: "Agħtuhom intom x'jieklu" Mt:14:16
**Kelliema: Sr Vania Bonello**

Tema għall-Griżma tal-Isqof: "U jiena nitlob lill-Missier, u hu jagħtikom Difensur ieħor biex jibqa' magħkom għal dejjem" Ġw:14:16
**Kelliem għat-tfal: Roberto Aloisio**
**Kelliem għall-Ġenituri u l-Parrini:**
**Neville Galea Pirotta**

Dawn is-seminars huma mmirati għall-ġenituri tat-tfal tal-klassijiet tal-katekiżmu.



# LECTIO DIVINA FUQ SILTIET MAGĦŻULIN TAL-ISKRITTURA MQADDSA

### NIXTARRU L-KELMA T' ALLA
### JANIMA: EMMANUEL SAID

'Kull min jisma' dan kliemi u jagħmel li qiegħed ngħid jien, isir jixbah lil bniedem għaqli li bena daru fuq il-blat. Niżlet ix-xita, ġew il-widien, qamu l-irwiefen u ħabtu fuq dik id-dar, iżda ma ġġarrfitx għax kellha s-sisien tagħha fuq il-blat.' (Mt 7: 24)

L-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2019, l-Erbgħa 6 ta' Mejju 2019 u l-Erbgħa 17 ta' Ġunju 2019

**Imwieled ir-Rabat ta Malta fl-1973 Emmanuel Said huwa tħarreġ u gradwa mill-Universita` ta' Malta f' Novembru tal-2009, permezz ta' Baċellerat fit-Tejoloġija. F'Novembru tal-2016, mill-istess Universita` huwa kiseb ukoll Masters fl-Akkumpanjament Spiritwali. Huwa miżżewweġ lil Romina nee Mifsud. Jgħin fil-Parroċċa Familja Mqaddsa tal-Iklin, fejn huwa responsabbli mill-formazzjoni tal-adulti u Liturġija, u fil-Parroċċa ta' Marija Immakulata Bormla bħala kordinatur ta' laqgħat formattivi u nformattivi għal koppji.**

Dan il-kors huwa maħsub għal kull min jagħti xi servizz lil artal jew ħidma relatata mal-liturġija.

L-Erbgħat 5, 12 u 19 ta' Frar 2020.

### KORS – MULEJ, GĦALLIMNA NITOLBU (II)
### JANIMA: DUN JIMMY BONNICI

TALB U RIFLESSJONI BIEX NAGĦMEL IR-RIEDA T'ALLA F'ĦAJTI.
Dun Jimmy Bonnici jitkellem dwar stili diversi ta' talb u kif wieħed jista' jitlob b'mod prattiku fil-ħajja ta' kuljum.

**Imwieled il-Mosta fl-1972, Dun Jimmy Bonnici ġie ordnat saċerdot f'Ġunju tal-1998. Fl-ewwel snin tas-saċerdozju tiegħu huwa ġie mibgħut jistudja Ruma ġewwa l-Universita' Pontificja Gregorjana. Lura Malta Dun Jimmy ġie maħtur Rettur tas-Seminarju Arciveskovili ġewwa tal-Virtu r-Rabat. Fil-preżent huwa jmexxi l-Istitut tal-Formazzjoni Pastorali fi ħdan l-Arcidjoċesi ta' Malta. Huwa jaqdi wkoll l-ministeru tiegħu fiż-żona ta' Sant' Anna ġewwa ż-Żebbiegħ.**

Dan il-kors huwa maħsub għal kulħadd partikularment l-abbatini, l-animaturi tal-Liturġija u Kummissjoni Liturġija Parrokkjali.